# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 9 ta' Diċembru, 2021.**

**Numru 8**

**Rikors numru 292/15/1 AVG**

**Nicholas Farrugia**

**v.**

**Christabel Zerafa**

1. Din is-sentenza hi dwar l-appell tal-konvenuta minn sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-8 ta' Ottubru, 2019, dwar il-kura u kustodja ta' iben il-partijiet u ħlas ta' manteniment. Il-konvenuta appellat biss minn dik il-parti tas-sentenza li titratta dwar l-obbligu tagħha li tħallas manteniment għat-tifel.

2. Il-kawża bdiet b'rikors maħluf preżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-23 ta' Diċembru, 2015, permezz ta' liema l-attur ippremetta u talab is-segwenti:

*"1. Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni flimkien li minnha twieled il-minuri Benjamin Farrugia, nhar l-erbatax ta' Novembru ta-sena elfejn u sitta (14.11.2006) u li llum ghalhekk ghad ghandu biss 9 snin;*

*2. Illi r-relazzjoni tal-partijiet ilha snin li sfaxxat u effettivament ir-rikorrent mill-ewwel ha hsieb jipprocedi b'medjazzjoni biex jirregola l-kura u l-kustodja, l-access u l-manteniment ta' ibnu Benjamin;*

*3. Illi fil-mori tal-medjazzjoni, il-partjiet ippruvaw kemm il-darba jittransigu, madanakollu minhabba intransigenza tal-intimata, li spiss kienet anke tonqos milli tattendi ghas-seduti tal-medjazzjoni u anke milli twiegeb ghal kwalsiasi korrispondenza u proposti mressqa mir-rikorrent, qatt ma ntlahaq ftehim;*

*4. Illi bhala stat ta' fatt u wara digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti nhar it-30 ta' Gunju, 2014, ir-rikorrent ghandu l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri Benjamin u fil-fatt l-istess minuri qieghed jirrisjedi mal-komparenti, filwaqt li l-omm kellha access supervizjonat fi hdan l-Agenzija Appogg;*

*5. Illi bhala stat ta' fatt l-omm intimata, llum ftit li xejn qed tara lil binha u fil-fatt gieli jghaddu iktar minn gimaghtejn qabel hija taghmel xi tip ta' komunikazzjoni mar-rikorrent u titlob biex tara lill-minuri, u dan fuq ghazla taghha;*

*6. Illi effettivament, l-omm ilha ma jkollha access wahidha ghal aktar minn sena u nofs u dan minhabba xi problemi psikjatrici li hija kellha fil-passat, tant li ghamlet xi zmien fejn hija kienet anke rikoverata gewwa l-Isptar Monte Carmeli;*

*7. Illi r-rikorrent ilu jaghmel tajjeb ghall-bzonnijiet kollha ta' ibnu sa minn mindu huwa beda jirrisjedi mieghu u cioe' f' Gunju, 2014, filwaqt li l-intimata unilateralment iddecidiet illi ma tikkontribwixxi xejn ghall-bzonnijiet ta' binha minuri;*

*8. Illi llum ir-rikorrent qed ighajjex lilu nnifsu u lil ibnu bl-ghajnuna tal-genituri tieghu u dana wara li spicca redundant mill-post tax-xoghol tieghu;*

*9. Illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu bir-rikors guramentat permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti, datat 4 ta' Settembru, 2015 kif estiz b'digriet iehor tat-30 ta' Ottubru, 2015;*

***Ghaldaqstant, ir-rikorrent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:***

*................*

*2. Tillikwida u tiffissa manteniment ghall-minuri u dan sakemm l-istess jaghlaq it-tmintax-il sena jekk jiddeciedi li jieqaf mill-istudji tieghu u jibda jahdem fuq bazi full time, jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk jiddeciedi li jkompli bl-istudji tieghu u fuq bazi full time u konsegwentement tordna lill-intimata sabiex thallas il-manteniment hekk kif likwidat, b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u dan flimkien ma' nofs l-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni tal-istess minuri;*

*3. Tordna li l-imsemmi manteniment jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimata, mill-impjieg jew xoghol li hija ghandha jew jista' jkollha, jew min kwalsiasi beneficcji socjali li hija tista' tkun qed tircievi minn zmien ghal zmien;*

*...............*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata li hi minn issa ngunta in subizzjoni."*

3. Bil-ġurament tagħha l-konvenuta wieġbet:

*"1. Illi l-ewwelnett hija tixtieq tiddikjara li minkejja l-allegazzjonijiet kontenuti fir-rikors promotur, l-esponenti dejjem kellha u ghad ghandha interess kbir fl-ghaziz binha minuri Benjamin Farrugia;*

*2. Illi minn qabel ma twieled u sa madwar sentejn ilu hija kienet l-uniku genitur li flimkien mal-genituri taghha hadu interess u hadu hsieb ghall-bzonnijiet kollha, l-attenzjoni kollha mehtiega u ghall-ispejjes kollha tal-istess minuri. Filwaqt li kien hemm perjodi twal li r-rikorrenti jew kien ikun imsiefer ghal sena jew ghamel perjodu ta' xi sena u nofs li fih sparixxa mill-hajja tal-minuri;*

*3. Illi r-rikorrent ftit li xejn kien ikkontribwixxa ghall-istess minuri u hija tikkonferma la ma kinitx irceviet aktar minn hames pagamenti mensili ta' manteniment ta' Ewro 225 'l wiehed minghand ir-rikorrent, mit-twelid tal-minuri sakemm ghalaq seba' snin;*

*4. Illi ftit ilu r-rikorrenti ghaddiet minn perjodu difficli f'hajjitha li minhabba fih kellha tiehu kura u minkejja l-ghozza kbira ghall-istess binha hija sahansitra kienet waslet biex dak iz-zmien ghall-gid ahhari ta' binha ma topponix ghat-talba ta' kura u kustodja sakemm hija tibqa' involuta fid-decizjonijiet dwar binha;*

*5. Illi dan l-arrangjament b'xi mod hadem ghalkemm l-esponenti rarament giet involuta fid-decizjonijiet mehtiega dwar il-minuri Benjamin;*

*6. Illi huwa minnu li l-esponenti m'attendietx is-seduti kollha tal-medjazzjoni u mhux dejjem wiegbet ghat-talbiet pero' dan huwa dovut biss peress li mhux dejjem kienet f'posizzjoni ta' sahha li ssegwi l-andament u taghti l-istruzzjonijiet mehtiega lill-avukat taghha;*

*7. Illi minkejja dan kollu u ghalkemm l-esponenti ma kinitx qed tinghata bizzejjed informazzjoni u sehem fid-decizjonijiet, hija kienet qiedgha u ghadha tara lill-minuri Benjamin kwazi kull weekend, fejn dan qed iqatta' maghha l-hin kollu mis-Sibt fid-9.00 am sal-Hadd fis-6.00 pm*

*8. Illi dan isir biss tramite komunikazzjoni tal-esponenti ma omm ir-rikorrent stante li r-rikorrent la jwiegeb it-telefonati taghha u anqas il-messaggi. Inoltre matul il-gimgha lill-minuri tnehhewlu kull kuntatt possibbli dirett minn mal-esponenti li hija kienet stabbiliet permezz ta' mobile u laptop li hija xtrat lill-istess minuri primarjament ghal dan il-ghan;*

*9. Illi ghalhekk hija kienet sorpriza kif ir-rikorrent ressaq il-proceduri odjerni meta l-arrangjament b'xi mod kien qieghed jahdem;*

*10.Illi hija tinstab kuntenta ferm li qiedgha tara lill-minuri fil-weekend kif intqal hawn fuq. Hija tixtieq li kieku tista' tarah aktar spiss imma dan mhux possibbli ghaliex ghadha qiedgha tipprova tirkupra sahhitha kompletament;*

*11.Illi hija ukoll qiedgha tfittex xoghol sabiex tipprova terga' tissettja lura hajjitha, biex hekk kif tkun lahqet certu stabbilita' tkun tista' taghti aktar hin u kull tip ta' ghajnuna inkluz finanzjarja lil binha minuri;*

*12.Illi hija mhux qiedgha tinghata ghajnuna socjali minhabba li ma kelliex bizzejjed bolla mhallsa minn qabel;*

*13.Illi ghalhekk mhux possibbli ghaliha li fil-prezent u futur qrib, sakemm issib xoghol regolari, li thallas manteniment ghall-istess minuri Benjamin Farrugia.*

*14.Madanakollu, hija xorta tixtieq li tibqa' tara l-minuri Benjamin Farrugia imqar kull weekend bejn mis-Sibt fid-9.00 am sal-Hadd fis-6.00 pm u f'hinijiet ohra kif il-Qorti jidhrilha xieraq fil-festi, birthdays u avvenimenti importanti ohra ghaliex temmen li dan huwa gid kemm ghall-minuri stess kif ukoll ghaliha;*

*15.Illi hija tixtieq ukoll tkun involuta fid-decizjonijiet importanti dwar binha minuri Benjamin Farrugia u tinghata l-opportunita' u d-dritt li takkwista l-informazzjoni kollha edukattiva, medika u kull xorta ohra ta'*

*informazzjoni dwaru direttament mill-istituzzjonijiet jew persuni kkoncernati.*

*16.Illi hija qiedgha titlob lill-Qorti sabiex ir-residenza tal-minuri tibqa dejjem Malta u r-rikorrenti ma jinghatax id-dritt awtomatiku li johrog passaport fuq isem il-minuri. Dan ghaliex hija ghandha suspett fundat li peress li r-rikorrenti diga' kien ipprova jmur ighix barra, huwa jkun jista' jaqbad u jitlaq bil-minuri u jissetilja bih barra minn Malta. Din tista' facilment tkun ir-raguni ghalfejn saru dawn il-proceduri."*

4. B'sentenza mogħtija fit-8 ta' Ottubru, 2019, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iddeċidiet billi:

*"........................*

*3. Tilqa' t-tielet talba u tordna li l-konvenuta thallas is-somma ta' €150 kull erba' gimghat u dan ghall-perjodu ta' sena sakemm il-konvenuta ghandha ssib impjieg fiss, fejn ghalhekk l-istess ammont ghandu jigi rivedut ghal €300.*

*4. Tilqa' r-raba' talba.*

*...........................*

*Bl-ispejjez ghandhom jigu ssopportati bin-nofs bejn il-partijiet."*

5. Permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fit-28 ta' Ottubru, 2019, il-konvenuta talbet li s-sentenza tinbidel biss għal dik il-parti dwar il-manteniment tat-tifel li għadu minuri. Tilmenta li ssofri minn kundizzjonijiet mediċi li ma jippermettulhiex issib xogħol fiss u għalhekk m'hijiex ser tkun f'qagħda li tħallas manteniment għal binha. Talbet għalhekk lil din il-Qorti:

*"filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn l-esponenti ġiet ordnata tħallas is-somma ta' €150 kull erbgħa ġimgħat u dan għall-perjodu ta' sena sakemm il-konvenuta għandha ssib impjieg fiss fejn l-ammont għandu jiġi rivedut għal €300, u tgħaddi minflok biex tiddikjara illi l-esponenti m'għandhiex tkun ordnata tħallas manteniment għal binha sakemm din ma ssibx impjieg*

> *fiss, indipendentement minn meta ssib tal-impjieg, salv kull provvediment ieħor li dina l-Qorti jidrilha xieraq u opportun."*

6. Fit-13 ta' Ottubru, 2020, kważi sena wara l-appell, l-appellanti ppreżentat rikors sabiex din il-Qorti tawtorizzaha tippreżenta dokumenti li jirreferu għal żviluppi dwar l-istat ta' saħħa tagħha.

7. Minkejja l-oġġezzjoni tal-appellat b'digriet tat-23 ta' Novembru, 2020, din il-Qorti laqgħet it-talba tal-appellanti u tatha sal-20 ta' Diċembru, 2020, sabiex tippreżenta d-dokumenti u rriżervat li tagħti kull provvediment ulterjuri wara li tara d-dokumenti.

8. B'nota tal-11 ta' Diċembru, 2020, l-appellanti ppreżentat disa' dokumenti konsistenti f'ċertifikati ta' tobba, riċetti ta' mediċini, *renewal of community treatment order,* kif ukoll *discharge notes* mill-Isptar Monte Carmeli li kollha nħarġu matul is-sena 2020.

9. Fis-seduta tad-29 ta' April, 2021, l-appellanti eżebiet ukoll dokument maħruġ minn Dr.Edith Agius li taħdem fid-Dipartiment tal-Psikjatrija tal-*Mental Health Services* li kkonfermat li l-appellanti reġgħat daħlet l-Isptar Monte Carmeli bejn it-12 ta' Frar, 2021, sat-8 ta' Marzu, 2021, u bejn l-14 ta' Marzu sas-6 ta' April, 2021, in kwantu kellha *relapse* u hemm sar aġġustament fil-medikazzjoni tagħha. L-istess dokument igħid li sussegwentement l-appellata ħarġet '*on leave from Mount Carmel*

*Hospital'* iżda '*she remains very vulnerable and is unfit for gainful employment'.* L-appellanti ppreżentat ukoll ċertifikat tal-istess tabiba datat 14 ta' April, 2021, dwar il-kundizzjoni medika tagħha, it-trattament mediku preżenti u l-fatt li m'hijiex tajba sabiex issib impieg.

10. Il-konvenut għalkemm notifikat bir-rikors tal-appell ma weġibx.

Konsiderazzjonijiet

11. Ir-raġunament tal-ewwel Qorti dwar il-manteniment igħid hekk:

> *"Din il-Qorti in principju taqbel illi kull genitur, anke jekk ma jkunx fdat bil-kura u kustodja tal-minuri, ghandu jerfa' r-responsabbilitajiet tieghu u jikkontribwixxi ghall-alimenti ta' uliedu. Donnu pero', l-attur qed jaghti l-impressjoni li l-konvenuta b'kull intenzjoni li ma thallasx manteniment, qed tuza' l-iskuza tal-problemi mentali taghha sabiex tipprova tezonera lilha nnifisha minn tali hlas.*
>
> *Id-dizokkupazzjoni tal-konvenuta ma tidhirx bhala wahda kolpuza. Ippruvat tahdem, pero' minhabba il-pilloli u l-fatt li jgibu certu apatija fuqha li trid tikkontrolla l-irqad taghha, gabha f'sitwazzjoni fejn ma tistax tahdem b'hinijiet fissi. Simon Mamo, li kien l-imghallem taghha jiddeskriviha bhala tifla tajba, li kellha l-problemi taghha u kienet tbati bil-burdati. Il-konvenuta tghid ukoll li kienet tahdem fl-accounts ukoll.*
>
> *Dr. Joe Cassar stess stqarr li jekk il-konvenuta ssegwi l-programm ta' kura li jirrakkomandalha ghandha tghix hajja normali. Di piu' meta kienet bil-problemi tal-mania u psikozi, kien difficli ghaliha li tibqa' f'impjieg minhabba l-fatt li l-hsibijiet taghha kien jwassluha biex tara u tinterpreta l-affarijiet b'mod esagerat u forsi timmagina li hemm problemi li effettivament ma kinux jezistu.*
>
> *Mill-atti processwali gie ppruvat li l-konvenuta kienet qed thossha ahjar ghaliex kienet qed issegwi l-kura aktar rigorosament u ghalhekk dan huwa pozittiv jekk verament ghandha t-tir li tibda tghix hajja normali u ghalhekk dan l-agir tal-konvenuta zgur ma jistax jigi nterpretat bhala dizokkupazzjoni kolpuza. Ciononostante, il-konvenuta llum tghix bil-beneficcji socjali fejn qed tircievi skond Ivan Cilia, in rapprezentanza*

*tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali is-somma €104.37 fil-gimgha u €3.12 bonus fil-gimgha. Oltre minn hekk applikat ghall-beneficcji ta' disabilita' quddiem Bord mediku, izda fil-mori tal-proceduri ma giex ikkonfermat jekk kinitx se tkun intitolata ghall-istess beneficcju li kien jammonta ghal €380 skond kif ikkonfermat il-konvenuta.*

*Il-konvenuta stess m'oggezzjonatx ghall-kontribuzzjoni lejn l-alimenti u anke meta l-finanzji kienu fqar dejjem sabet il-mezzi biex tghin permezz tal-familja taghha li huma pensjonanti. Mill-provi jirrizulta pero' li mhux dejjem thallsu l-alimenti u kien hemm arretrati ta' manteniment, kif ukoll addiritura l-konvenuta kienet wehlet il-habs minhabba n-nuqqas tal-hlas ta' manteniment b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (AGV) datata 3 ta' April, 2017 fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Christabel Zerafa**." Missierha FD kien imbaghad hallas il-manteniment b'lura u l-ispejjes legali biex ighin lil bintu.*

*Originarjament kien inghata digriet fis-16 ta' Novembru, 2016 fejn dina l-Onorabbli Qorti kienet ordnat lill-konvenuta tivversa €300 kull erba' gimghat li kienu jinkludu ukoll l-ispejjes edukattivi u tas-sahha. Eventwalment fis-16 ta' Novembru, 2017 l-ammont gie ridott ghal €150 minhabba li l-attrici kienet tinstab dizokkupata u dan kellu jkun ghall-perjodu ta' tlett xhur, fejn il-konvenuta kellha terga' ggib provi dwar l-impenji taghha biex issib xoghol kif ukoll informazzjoni dwar il-kura medika. Mill-atti processwali ma jirrizultax li gew prodotti xi provi ulterjuri f'dan is-sens u ciononostante l-konvenuta baqqghet thallas l-ammont kif ridott.*

*Fid-dawl ta' dan kollu u tenut kont tac-cirkostanzi tal-konvenuta, dina l-Qorti tiddetermina li l-konvenuta ghandha thallas is-somma ta' €150 kull erba' gimghat b'dana pero' li fi zmien sena millum ghandha ssib impjieg fiss, tipproduci konferma ta' dan u l-istess somma ghandha mbaghad tigi riveduta ghal €300, inkluz l-ispejjes tal-edukazzjoni u sahha tal-minuri."*

12. Fir-rikors tal-appell l-appellanti tenniet illi hija tbagħti minn *bipolar disorder type 1* kif ukoll minn *ADHD*. Tisħaq li minħabba dawn il-kondizzjonijiet ġiet kemm-il darba rikoverata l-Isptar Monte Carmeli u tieħu kura medika li tqabbadha ħafna ngħas. Tgħid li għalhekk mhux possibbli għaliha żżomm post stabbli ta' xogħol li jippermettilha tmantni lilha nnifisha u lil binha. Saħqet ukoll li hija taqla' biss €104.37 fil-ġimgħa

u €3.12 *bonus* bħala assistenza soċjali[1] u li tul dawn il-proċeduri l-manteniment għal binha dejjem tħallas minn missierha li huwa pensjonant sabiex hi ma terġax tispiċċa l-ħabs. Missierha jippermettilha wkoll li tgħix ġo appartament proprjeta` tiegħu mingħajr ma tħallas kera, iżda dwar din is-sistemazzjoni m'hemmx ċertezzi. Tgħid li tifhem u tapprezza li l-ewwel Qorti kellha quddiem għajnejha l-interess suprem tal-minuri iżda m'hemm xejn fl-atti li jindika li l-missier għandu bżonn għajnuna finanzjarja sabiex ikun jista' jibqa' jgħajjex lill-minuri u '*lanqas ma wieħed jistenna li persuna tispiċċa rinfaċċjata b'sitwazzjoni fejn jew tispiċċa bla saqaf fuq rasha, jew il-ħabs, fuq ordni tal-Qorti.'*

13. M'hemmx dubju li in prinċipju kull ġenitur għandu l-obbligu li jerfa' r-responsabbilitajiet tiegħu fil-konfront ta' wliedu, inkluż billi jmantnihom finanzjarjament. Jeżistu mbagħad każijiet fejn minħabba raġunijiet ta' mard ta' wieħed mill-ġenituri, hemm bżonn konsiderazzjonijiet speċjali.

14. M'huwiex kontestat li l-appellanti tbagħti minn *severe chronic bipolar disorder type 1*[2] kif ukoll minn *moderate to severe ADHD.*[3] Oriġinarjament l-appellanti ġiet rikoverata l-Isptar Monte Carmeli minħabba l-*bipolar disorder type 1*. L-ewwel darba li daħlet l-Isptar Monte Carmeli kien mid-9 ta' Ġunju, 2014, sat-13 ta' Frar, 2015, iżda f'dan il-

[1] Dawn kienu l-ammonti fl-2017 skont ix-xhieda ta' Ivan Cilia a fol. 291.
[2] A fol.185 il-Psikjatra Dr.Joe Cassar jispjega li t-*type 1* hija dik li meta timmanifesta ruħha mania ikun hemm bżonn rikoveru l-Isptar.
[3] Fol.181 *et seq*.

perjodu ġieli ħarġet bil-*leave*. Sussegwentement reġgħat daħlet l-isptar għal ġurnata waħda fl-20 ta' Marzu, 2015.[4] Lejn l-aħħar tal-2016 saret dijanjożi li għandha l-*ADHD* wkoll.

15. Filfatt, meta xehed il-psikjatra kuranti tagħha, Dr. Joseph Cassar, fl-udjenza tal-31 ta' Jannar, 2017, qal illi l-appellanti kienet għadha mhux qed tieħu l-mediċina għall-*ADHD* għaliex din kienet dijanjożi reċenti u l-mediċina relattiva ma setgħatx tingħata mingħajr il-permess tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika. Qal li kien applika sabiex il-konvenuta tingħata l-mediċina u filfatt il-permess meħtieġ kien ħareġ lejliet is-seduta. Dr. Cassar qal ukoll li:

> *"Sakemm is-Sinjorina Zerafa żżomm mal-programm li nagħtuha u tieħu l-mediċini li nagħtuha, hi stess tirrealizza illi l-ħajja hija normali, tista' tkun normali u ma hemm xjen li jżommha milli tgħix ħajja normali. Pero' ... she has to take the medication."*

16. Madanakollu, mill-provi prodotti ma jirriżultax li dan kien il-każ u fl-1 ta' Marzu, 2017, l-appellanti ġiet kostretta tirreżenja minn xogħlha minħabba raġunijiet ta' saħħa.[5] Fis-seduta tad-29 ta' Mejju, 2018, spjegat illi meta ħarġet mill-Isptar Monte Carmeli ppruvat tirritorna għax-xoghol '*but it did not really go well ... finally Dr Cassar wrote it off that I am unable to be in any gainful employment'.*[6] F'dan il-kuntest ippreżenatat 'Dok CZ1' li hu ċertifikat ta' Dr. Cassar datat 8 ta' Jannar, 2018, fejn

[4] Fol. 184.
[5] Fol. 244.
[6] Fol. 385 et seq.

effettivament jikkonferma l-gravita` tal-kondizzjoni tal-appellanti u li '*Ms Zerafa at this stage is not able to do any gainful employment'*.[7]

17. L-appellanti xehdet ukoll li għaddiet minn diversi bordijiet u ngħatat assistenza soċjali. Spjegat li l-mediċina għall-*ADHD* ma tistax toqgħod mingħajrha iżda din tagħmilha *hyper* ħafna u għalhekk magħha trid tieħu wkoll l-*istabilizers* li ngħatawlha minħabba l-kundizzjoni tal-*bipolar.* Tgħid li dawn tal-aħħar għandhom effett sedattiv sal-punt li ġieli tagħmel għoxrin siegħa konsekuttivi rieqda. Għalhekk meta jkun imissha l-aċċess ma' binha trid tikkalkula li tieħu dawn il-mediċini ħafna ħin qabel biex tkun tajba fil-ħin li tkun miegħu. Mistoqsija in kontro-eżami kif kien bi ħsiebha tikkontribwixxi finanzjarjament għal binha wieġbet:

> *"I will manage. Family always help out."*

18. Dan kien il-kuntest li fih ingħatat is-sentenza appellata.

19. Minn dokumenti eżebiti fil-mori ta' dan l-appell jirriżulta li sussegwentement l-appellanti kellha terġa' tiġi rikoverata l-Isptar Monte Carmeli tlett darbiet oħra bejn Jannar, Frar, Marzu, April u Settembru 2020.[8] Meta kienet hemm, saritilha bidla fil-medikazzjoni u eventwalment ħarġet *on leave* iżda dan bil-kundizzjoni li tkompli tattendi *followups* regolari. Skont ċertifikat maħruġ mit-tabiba kuranti tagħha fl-14 ta'

---

[7] Dokument anness mal-qoxra ta' wara tat-tieni volum tal-proċess.
[8] Dok. CZ 23, Dok. CZ 25 u Dok. CZ 28.

Ottubru, 2020, il-kondizzjoni tal-appellanti hija waħda kronika u minkejja li l-appellanti tattendi l-*followups* u tieħu l-medikazzjoni meħtieġa, il-provi jindikaw li fil-preżent m'hijiex f'qagħda li jkollha mpjieg. M'hemmx prova oħra li tikkontradixxi ċ-ċertifikati li nħarġu minn Dr.Edith Agius. Dan m'huwiex każ fejn hemm provi li jistgħu jikkonvinċu lill-Qorti li x'aktarx li l-konvenuta ma ssibx impjieg b'kapriċċ.

20. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk ma jirriżultax possibbli li bħalissa l-appellanti ssib impjieg sabiex tikkontribwixxi s-somma ta' €300 kull erba' ġimgħat bħala manteniment għal binha minuri Benjamin.

21. Skont l-Art. 20(1) tal-Kodiċi Ċivili, manteniment jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih. Filwaqt li Art. 20(3) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi:

> *"(2) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligh tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust"*.

22. Il-fatt waħdu li ġenitur ma jaħdimx ma jfissirx li awtomatikament m'għandux obbligu li jmantni lil uliedu.

23. Fil-każ ta' miżżewġin (il-kontendenti mhux miżżewġin) l-Art. 54 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi kif għandu jiġi stabbilit il-manteniment għat-tfal, u dan billi fost affarijiet oħra jitqies:

> *"(e) kull qligħ jew benefiċċju li l-miżżewġin, jew min minnhom, jirċievu skont il-liġi, minbarra kull għajnuna soċjali li mhix kontributorja li tkun qed titħallas lilhom taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali:Kap. 318.*
>
> *Iżda, għall-fini ta' dan il-paragrafu, għandha titqies il-pensjoni għad-diżabilità taħt l-artikolu 27 tal-Att dwaris-Sigurtà Soċjali".*

24. Dispożizzjoni li l-Qorti tqis li għandha wkoll isservi ta' gwida minkejja li fil-każ in eżami l-partijiet m'humiex miżżewġin.

25. Fil-parti dispożittiva tas-sentenza appellata tat-8 ta' Ottubru, 2019, jingħad li l-manteniment dovut hu ta' €150 kull erba' ġimgħat *"..... għall-perjodu ta' sena sakemm il-konvenuta għandha ssib impieg fiss, fejn għalhekk l-istess ammont għandu jiġi rivedut għal €300"*. Il-Qorti ma taqbilx ma' dik il-parti tas-sentenza, peress li jirriżulta li l-konvenuta ma taħdimx u matul is-sena 2020 il-kundizzjoni medika tagħha ma tjibitx imma ħżienet. Il-provi juru li fil-preżent il-konvenuta m'hijiex f'kundizzjoni medika li ssib impjieg.

26. Mill-provi jirriżulta li l-uniku dħul li għandha l-appellanti hi l-assistenza soċjali fis-somma ta' €107.49 fil-ġimgħa, ċioe` €430 kull erba' ġimgħat. Evidenti li l-konvenuta qiegħda tingħata appoġġ finanzjarju mingħand il-ġenituri sabiex tkun tista' tgħix. Għajnuna li hi ġustifikata meta tqis li m'għandhiex impjieg u skont id-dokumenti preżentati fil-mori tal-appell bħalissa m'hijiex f'kundizzjoni li taħdem. Pero` dik l-għajnuna m'hijiex qligħ skont il-liġi sabiex il-Qorti tiddetermina x'mezzi għandha l-persuna obbligata li tagħti manteniment.

27. Il-Qorti żżid li m'għandhiex dubju li l-għajnuna finanzjarja li l-konvenuta tirċievi mingħand il-Gvern m'hijiex biżżejjed biex persuna jkollha ħajja diċenti fil-ġurnata tallum. Evidenti li kieku ma kinitx għall-għajnuna finanzjarja li jagħtiha missierha, li pprovdilha wkoll l-akkomodazzjoni, ma kinitx tkampa. Mill-atti jirriżulta li l-konvenuta diġa' weħlet piena karċerarja għaliex ma' ħallsitx manteniment. [9]

28. Fil-mori tal-proċeduri odjerni missier il-konvenuta kien aċċetta li jħallas il-manteniment għall-minuri f'isimha. Iżda fi kliemu dan għamlu sabiex jeħlisha mill-ħabs[10]. Xehed li huwa għandu ħames ulied oħra apparti l-appellanti.[11] Għalkemm jinftiehem li dawn huma lkoll maġiorenni u għalhekk m'għadux imantnihom, jibqa' l-fatt li hu u martu pensjonati u diġa' qed jippermettu lill-appellanti tgħix ġo fond proprjeta` tagħhom mingħajr ma tħallas kera sabiex jgħinuha. Hu ċar li l-konvenuta hi piż finanzjarju fuq il-ġenituri tagħha.

29. Kull ġenitur għandu dmir li jmantni lil uliedu. Madankollu s-sitwazzjoni attwali tal-appellanti ma tippermettix li tħallas għal manteniment. Dan ma jfissirx li ser tibqa' ma tħallasx jekk fil-futur jirriżulta li għandha qligħ li jippermettilha li tagħti l-kontribut tagħha. Il-Qorti fehmet li bħalissa l-missier qiegħed ikollu jġorr fuq spallejh ir-responsabbilta`

[9] Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (AGV) datata 3 ta' April, 2017, fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Christabel Zerafa** a fol. 349 *et seq*.
[10] Ara l-affidavit ta' missier l-appellanti a fol. 380 *et seq*.
[11] Fol. 22

kollha għall-manteniment tat-tifel. Dan hu piż fuqu. Madankollu ma jidhirx li bħalissa hemm għażla oħra, apparti li m'hemmx provi li juru li l-attur m'huwiex finanzjarjament f'qagħda li jipprovdi għal dak li għandu bżonn ibnu.

30. Huwa minnu li l-Artikolu 7(2) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li meta m'hemmx ġenituri jew jekk dawn ma jkollhomx mezzi biżżejjed, id-dmir tal-manteniment u tal-edukazzjoni tal-ulied jaqa' fuq l-axxendenti l-oħra. Apparti li n-nanniet m'humiex parti fil-kawża, f'dan il-każ m'hemmx prova li l-attur m'huwiex finanzjarjament kapaċi li jagħmel tajjeb għall-manteniment tat-tifel.

Għal dawn il-motivi tħassar dik il-parti tas-sentenza tat-8 ta' Ottubru, 2019, li laqgħet it-tieni u t-tielet talba tal-attur u tiċħad it-tieni u t-tielet talbiet tar-rikors maħluf. Bla preġudizzju għad-drittijiet tal-attur f'każ li l-qligħ attwali tal-konvenuta jiżdied u jkun tali li jippermettilha tagħti kontribut għall-manteniment ta' binha.

Spejjeż ta' dan l-appell jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
da